SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

12 ta' Ottubru 2017 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 412/2013 – Artikolu 1(3) – Kodiċi Doganali tal-Komunità – Artikolu 78 – Regola li tissuġġetta l-applikazzjoni tar-rati ta' dazju antidumping individwali għall-preżentazzjoni ta' fattura valida – Ammissibbiltà tal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida sussegwentement għad-dikjarazzjoni doganali – Rifjut ta' rimbors"

Fil-Kawża C-156/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Finanzgericht München (qorti tal-finanzi ta' München, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Frar 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Marzu 2016, fil-proċedura

Tigers GmbH

vs

Hauptzollamt Landshut,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, J. Malenovský (Relatur) u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: L. Carrasco Marco, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-16 ta' Marzu 2017,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Tigers GmbH, minn G. Eder u J. Dehn, avukati,

– għall-Hauptzollamt Landshut, minn G. Pieper, bħala aġent,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Grønfeldt kif ukoll T. Maxian Rusche u N. Kuplewatzky, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2017,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013, tat-13 ta' Mejju 2013, li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika ta' fuq il-mejda u tal-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2013, L 131, p. 1), kif ukoll tal-Artikolu 78 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kaptiolu 2,Vol. 4, p. 307), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 10, p. 239) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali").

2 Din it-talba tressqet fil-kunest ta' tilwima bejn kumpannija Ġermaniża, Tigers GmbH, u l-Hauptzollamt Landshut (uffiċċju doganali prinċipali ta' Landshut) (iktar 'il quddiem l-"uffiċċju doganali") rigward iċ-ċaħda minn dan tal-aħħar ta' talba għal rimbors parzjali ta' dazju antidumping.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni antidumping

Ir-Regolament (UE) Nru 1072/2012

3 L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1072/2012, tal-14 ta' Novembru 2012, li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika ta' fuq il-mejda u tal-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2012, L 318, p. 28), jipprovdi

"1. Dazju antidumping provviżorju huwa permezz ta' dan impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika ta' fuq il-mejda u tal-kċina, esklużi skieken taċ-ċeramika, li bħalissa jaqgħu fl-ambitu tal-koċidi CN ex 6911 10 00, ex 6912 00 10, ex 6912 00 30, ex 6912 00 50 u ex 6912 00 90 (kodiċi TARIC 6911100090, 6912001011, 6912001091, 6912003010, 6912005010 u 6912009010) u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata ta' dazju antidumping provviżorju applikabbli għall-prezz nett, ħieles fuq il-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Hunan Hualian China Industry Co., Ltd; Hunan Hualian Ebillion Industry Co., Ltd; Hunan Liling Hongguanyao China Industry Co., Ltd; Hunan Hualian Yuxiang China Industry Co., Ltd	26,8 %	B349
Guangxi Sanhuan Enterprise Group Holding Co., Ltd	31,2 %	B350
CHL Porcelain Industries Ltd	30,0 %	B351
Shandong Zibo Niceton-Marck Huaguang Ceramics Limited; Zibo Huatong Ceramics Co., Ltd; Shandong Silver Phoenix Co., Ltd; Niceton Ceramics (Linyi) Co., Ltd Linyi Jingshi Ceramics Co., Ltd	17,6 %	B352
Guangxi Province Beiliu City Laotian Ceramics Co., Ltd	23,0 %	B353
Kumpaniji elenkati fl-Anness I	26,6 %	B354
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	58,8 %	B999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju antidumping provviżorju speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun soġġetta għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II. Jekk ma tiġi ppreżentata ebda fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Ir-rilaxx taċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għad-dispożizzjoni ta' sigurtà ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali."

Ir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013

4 Skont il-premessa 229 tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013:

"Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' evażjoni minħabba d-differenza għolja fir-rati tad-dazju, huwa kkunsidrat li huma meħtieġa miżuri speċjali f'dan il-każ biex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tad-dazji antidumping. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu l-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li għandha tikkonforma mal-ħtiġiet stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet mhux akkumpanjati minn tali fattura se jkunu soġġetti għad-dazju antidumping residwali applikabbli għall-esportaturi l-oħra kollha."

5 L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament ta' Implementazzjoni jipprovdi:

"1. Permezz ta' dan qed jiġi impost dazju antidumping fuq importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina minbarra skieken taċ-ċeramika, oġġetti taċ-ċeramika li jaħżnu kondiment jew imtieħen żgħar tal-ħwawar u l-partijiet taċ-ċeramika tagħhom li jitħnu, għodod li

jqaxxru l-frott u l-ħaxix magħmula miċ-ċeramika, senniena tas-skieken taċ-ċeramika, ġebel tal-pizza taċ-ċeramika cordierite tat-tip użat għall-ħami tal-pizza jew il-ħobż, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 6911 10 00, ex 6912 00 10, ex 6912 00 30, ex 6912 00 50 and ex 6912 00 90 (kodiċijiet TARIC 6911100090, 6912001011, 6912001091, 6912003010, 6912005010 and 6912009010) u li joriġinaw mir-RPĊ.

2. Ir-rata tad-dazju definittiv tal-antidumping applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Hunan Hualian China Industry Co., Ltd; Hunan Hualian Ebillion Industry Co., Ltd; Hunan Liling Hongguanyao China Industry Co., Ltd; Hunan Hualian Yuxiang China Industry Co., Ltd.	18,3	B349

Kumpanija	Dazju (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Guangxi Sanhuan Enterprise Group Holding Co., Ltd	13,1	B350
CHL Porcelain Industries Ltd	23,4	B351
Shandong Zibo Niceton-Marck Huaguang Ceramics Limited; Zibo Huatong Ceramics Co., Ltd; Shandong Silver Phoenix Co., Ltd; Niceton Ceramics (Linyi) Co., Ltd; Linyi Jingshi Ceramics Co., Ltd; Linyi Silver Phoenix Ceramics Co., Ltd; Linyi Chunguang Ceramics Co., Ltd; Linyi Zefeng Ceramics Co., Ltd.	17,6	B352
Guangxi Province Beiliu City Laotian Ceramics Co., Ltd	22,9	B353
Kumpaniji elenkati fl-Anness I	17,9	
Kumpaniji l-oħra kollha	36,1	B999

3. L-applikazzjoni tar-rati individwali tad-dazju antidumping speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha sseħħ bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fattura kummerċjali valida, li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II. Jekk l-ebda tali fattura ma tiġi ppreżentata, japplika d-dazju applikabbli għall-"Kumpaniji l-oħrajn kollha".

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali."

6 L-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013 jipprovdi:

"Fuq il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3) għandha tidher dikjarazzjoni ffirmata minn uffiċjal tal-entità li tkun qiegħda toħroġ il-fattura kummerċjali, fil-format li ġej:

1) L-isem u l-funzjoni tal-uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali.

2) Id-dikjarazzjoni li ġejja: “Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li (l-volum) ta’ oġġetti taċ-ċeramika ta’ fuq il-mejda u tal-kċina mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea u li huma koperti minn din il-fattura ġew immanifatturati minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi (il-pajjiż ikkonċernat). Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f’din il-fattura hija sħiħa u korretta”.

3) Data u firma.”

Il-Kodiċi Doganali

7 Skont l-Artikolu 62 tal-Kodiċi Doganali:

“1. Dikjarazzjonijiet bil-miktub għandhom isiru fuq formola li tikkorrispondi mal-kampjun uffiċjali preskritt għal dak l-għan. Għandhom jiġu ffirmati u jkun fihom id-dettalji neċessarji għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura doganali li għaliha l-merkanzija tkun dikjarata.

2. Id-dikjarazzjoni għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura doganali li għaliha l-merkanzija tkun dikjarata.”

8 Skont l-Artikolu 78 ta’ dan il-kodiċi:

“1. L-awtoritajiet doganali jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom jew fuq talba ta’ min jagħmel id-dikjarazzjoni, jemendaw id-dikjarazzjoni wara l-ħelsien tal-merkanzija.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu, wara li jeħilsu l-merkanzija u sabiex jissodisfaw ruħhom li d-dettalji li jinsabu fid-dikjarazzjoni huma eżatti, jispezzjonaw id-dokumenti kummerċjali u data li għandha x’taqsam ma’ l-operazzjonijiet ta’ importazzjoni u esportazzjoni fir-rigward tal-merkanzija konċernata jew operazzjonijiet kummerċjali sussegwenti li jinvolvu dik il-merkanzija. Spezzjonijiet bħal dawk jistgħu jsiru fil-fond tad-dikjarant, ta’ kull persuna oħra direttament jew indirettament involuta f’dawk l-operazzjonijiet f’kapaċità kummerċjali jew ta’ kull persuna oħra li jkollha f’idejha d-dokument u d-data imsemmija għal skopijiet kummerċjali. Dawk l-awtoritajiet jistgħu ukoll jeżaminaw il-merkanzija meta jkun għadu possibbli li din tkun prodotta.

3. Fejn reviżjoni tad-dikjarazzjoni jew eżami wara l-ħelsien tal-merkanzija jindika illi d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura ta’ dwana involuta ġew applikati fuq il-bażi ta’ informazzjoni skorretta jew mhux sħiħa, l-awtoritajiet doganali għandhom, skond kull dispożizzjoni stipulata, jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni, wara li tkun ikkunsidrata l-informazzjoni ġdida disponibbli għalihom.”

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9 Fis-17 ta’ Diċembru 2012, Tiger importat fil-Ġermanja reċipjenti u artikoli taċ-ċeramika oħra għall-mejda u għall-kċina ta’ provenjenza mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Dawn il-prodotti kienu għalhekk suġġetti għad-dazju antidumping provviżorju stabbilit mir-Regolament Nru 1072/2012.

10 Fl-istess jum, Tigers ippreżentat, mal-uffiċċju doganali, id-dikjarazzjoni doganali tal-merkanzija importata u ppreżentat fattura kummerċjali. L-imsemmija dikjarazzjoni kienet issemmi, fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-merkanzija, prodotti taċ-ċeramika, u indikat bħala kodiċi addizzjonali TARIC il-kodiċi B999, jiġifieri l-kodiċi korrispondenti mal-importazzjonijiet li joriġinaw minn “kumpaniji l-oħrajn kollha” mhux imsemmija fir-Regolament Nru 1072/2012.

11 Dejjem fis-17 ta' Diċembru 2012, l-uffiċċju doganali eżamina l-merkanzija fil-bini tiegħu u ssostitwixxa kull darba l-kodiċi addizzjonali TARIC B999 iddikjarat, bil-kodiċi addizzjonali TARIC B354, jiġifieri l-kodiċi korrispondenti mal-importazzjonijiet ġejjin minn produtturi/esportaturi elenkati fl-Anness I tar-Regolament Nru 1072/2012.

12 Madankollu, peress li, matul l-importazzjoni, il-fattura ppreżentata minn Tigers ma kinitx akkumpanjata minn dikjarazzjoni ffirmata mill-manifattur u għalhekk ma kinitx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament Nru 1072/2012, l-uffiċċju doganali, b'applikazzjoni ta' dan ir-regolament, ordna lil Tigers tiddepożita garanzija fi flus kontanti li kienet tikkorrispondi ma' dazju antidumping provviżorju kkalkolat abbażi ta' rata ta' dazju doganali ta' 58.8 %.

13 Wara l-adozzjoni tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013, u skont l-applikazzjoni tiegħu, l-uffiċċju doganali, fit-28 ta' Ġunju 2013, stabbilixxa b'mod definittiv dazju antidumping għall-importazzjonijiet ta' Tigers ikkalkolat fuq il-bażi ta' rata ta' dazju antidumping ta' 36.1 %, relatat mal-"kumpaniji l-oħrajn kollha" mhux elenkati fir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013, mingħajr ma talab lil Tigers tipproduċi fattura kummerċjali valida, konformi mar-rekwiżiti tal-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013.

14 Permezz ta' ittra tal-4 ta' Lulju 2013, Tigers ippreżentat l-oriġinal tal-fattura, li kienet tinkludi dikjarazzjoni ffirmata mill-manifattur, u ppreżentat talba għal rimbors tad-dazju antidumping li hija qieset li kienet ħallset indebitament minħabba l-applikazzjoni fir-rigward tagħha ta' rata ta' dazju antidumping definittiv ta' 36.1 %, relatat mal-"kumpaniji l-oħrajn kollha" mhux elenkati fir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013 u mhux dik ta' 17.9 % applikabbli għall-importazzjonijiet li ġejjin minn kumpanniji elenkati fl-Anness I tal-imsemmi regolament.

15 Permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Ottubru 2013, l-uffiċċju doganali ċaħad it-talba għal rimbors ta' Tigers minħabba li fattura kummerċjali valida maħruġa jew ippreżentata *a posteriori*, ma tistax tiġi aċċettata.

16 Permezz ta' ittra tal-4 ta' Novembru 2013, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ressqet ilment preliminari kontra din id-deċiżjoni u, fil-5 ta' Mejju 2014, ippreżentat fattura mmodifikata maħruġa mill-manifattur.

17 Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2015, l-uffiċċju doganali ċaħad l-ilment ta' Tigers. Dan l-uffiċċju qies li l-fattura akkumpanjata mid-dikjarazzjoni korrispondenti tal-manifattur, ippreżentata *a posteriori* mat-talba għal rimbors u rrettifikata mill-ġdid matul il-proċedura ta' lment, imissha ġiet ippreżentata, għall-finijiet tal-għoti tar-rata ta' dazju antidumping individwali, fid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali.

18 Tigers ippreżentat rikors quddiem il-Finanzgericht München (qorti tal-finanzi ta' München, il-Ġermanja) kontra d-deċiżjoni tal-uffiċċju doganali li tiċħad it-talba għal rimbors tagħha.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Finanzgericht München (qorti tal-finanzi ta' München) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 1(3) tar-Regolament [ta' Implementazzjoni Nru 412/2013] jippermetti, fil-kuntest tal-ewwel determinazzjoni ta' rata ta' dazju antidumping definittiv, li tiġi ppreżentata *a posteriori* fattura kummerċjali valida, meta l-kundizzjonijiet neċessarji l-oħra kollha sabiex tinkiseb rata ta' dazju antidumping individwali jkunu ssodisfatti?

2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

L-Artikolu 78 [tal-Kodiċi Doganali] jipprekludi li, fil-kuntest ta' proċedura ta' reviżjoni, l-awtorità doganali tirrifjuta r-rimbors ta' dazju antidumping minħabba li d-dikjarant ikun ippreżenta fattura kummerċjali valida biss wara d-dikjarazzjoni doganali?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

20 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 1(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013 għandux jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza li tiġi ppreżentata, sussegwentement għad-dikjarazzjoni doganali, fattura kummerċjali valida, għall-finijiet tal-iffissar ta' dazju antidumping definittiv, meta l-kundizzjonijiet preliminari l-oħra kollha neċessarji għall-kisba ta' rata ta' dazju antidumping speċifika għall-impriżi huma ssodisfatti.

21 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, hemm lok, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss termini tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha (sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, Hemming *et*, C-316/15, EU:C:2016:879, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

22 Fir-rigward tal-formulazzjoni tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013, dan jipprevedi li l-applikazzjoni ta' rata ta' dazju individwali antidumping hija suġġetta għall-preżentazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, ta' fattura kummerċjali valida, konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-regolament. Jekk tali fattura ma hijiex ippreżentata, tapplika r-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpanniji l-oħrajn kollha, mhux elenkati f'dan ir-regolament.

23 Minn din il-formulazzjoni jirriżulta b'mod ċar, b'mod partikolari mit-terminu "bil-kundizzjoni", li l-preżentazzjoni, lill-awtoritajiet doganali, ta' fattura kummerċjali valida, konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-regolament, tikkostitwixxi kundizzjoni indispensabbli għall-applikazzjoni ta' rata ta' dazju individwali antidumping.

24 Min-naħa l-oħra, din il-formulazzjoni bl-ebda mod ma tippreċiża l-mument li fih tali fattura għandha tiġi ppreżentata. Għalhekk, din il-formulazzjoni ma tipprojbixxix li fattura, li kienet tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013, tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali, sussegwentement għad-dikjarazzjoni doganali.

25 Fir-rigward tal-kuntest li dan l-Artikolu 1(3) jagħmel parti minnu, hemm lok l-ewwel nett li jiġi kkonstatat li, bħalma rrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 60 tal-konklużjonijiet tiegħu, kuntrarjament għal regolamenti antidumping oħra, ebda dispożizzjoni oħra tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013 ma tippreċiża l-mument li fih fattura kummerċjali valida għandha tiġi ppreżentata fid-dwana.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 1(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013 għandu jiġi interpretat bħala li ma jipprojbixxix lill-importaturi kkonċernati li jippreżentaw tali fattura sussegwentement għad-dikjarazzjoni doganali.

27 Madankollu, dan ir-regolament ma jinkludi ebda dispożizzjoni li, skont l-Artikolu 1(4) tiegħu, tagħmel inapplikabbli d-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam ta' dazji doganali, billi l-modalitajiet ta' preżentazzjoni u ta' eżami tad-dikjarazzjonijiet doganali ta' prodotti suġġetti għal dazji antidumping huma rregolati mill-Kodiċi Doganali.

28 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li dan il-kodiċi ma jippreċiżax espliċitament il-mument li fih fattura kummerċjali għandha tiġi ppreżentata. Barra minn hekk, għalkemm l-Artikolu 62(2) tiegħu jindika li għandhom jiġu annessi mad-dikjarazzjoni doganali d-dokumenti kollha li l-produzzjoni tagħhom hija neċessarja sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati dispożizzjonijiet li jirregolaw is-sistema doganali li għaliha l-merkanzija hija ddikjarata, fosthom, ovvjament, fattura kummerċjali, din

id-dispożizzjoni ma tippreċiżax liema huma l-konsegwenzi marbuta man-nuqqas ta' konformità tad-dokumenti annessi ma' din id-dikjarazzjoni, bħall-fattura kummerċjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

29 Għalhekk, f'dan l-aħħar rigward, l-Artikolu 78 ta' dan il-kodiċi jistabbilixxi proċedura li tippermetti lill-awtoritajiet doganali li jwettqu, *ex officio* jew fuq it-talba tad-dikjarant, reviżjoni tad-dikjarazzjoni doganali wara r-rilaxx tal-merkanzija inkluża f'din id-dikjarazzjoni, jiġifieri sussegwentement tiegħu.

30 Fil-fatt, l-imsemmija awtoritajiet jistgħu, skont dan l-Artikolu 78(1) u (2), iwettqu, minn naħa, reviżjoni tad-dikjarazzjoni doganali, jiġifieri l-eżami mill-ġdid tagħha u, min-naħa l-oħra, l-eżami ta' dokumenti u ta' data rilevanti sabiex tiġi żgurata l-eżattezza tad-dettalji li jinsabu fid-dikjarazzjoni. Jekk din ir-reviżjoni jew dawn l-eżamijiet jiżvelaw li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-sistema doganali kkonċernata ġew applikati fuq il-bażi ta' elementi mhux eżatti jew mhux kompleti, l-awtoritajiet doganali għandhom, konformement mal-Artikolu 78(3), jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jirregolaw is-sitwazzjoni billi jieħdu inkunsiderazzjoni elementi ġodda li huma jkollhom.

31 Għalhekk, mill-Artikolu 78 kollu tal-Kodiċi Doganali jirriżulta li huwa permess li jiġu ppreżentati elementi ġodda li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet doganali, u dan sussegwentement għad-dikjarazzjoni doganali. Fil-fatt, l-istruttura ta' dan l-artikolu tikkonsisti li tallinja l-proċedura doganali fuq is-sitwazzjoni reali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2015, Veloserviss, C-427/14, EU:C:2015:803, punt 26 u ġurisprudenza ċċitata).

32 Issa, xejn ma jindika li fattura kummerċjali valida, konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013, hija eskluża minnhom.

33 Din il-konklużjoni hija kkorroborata mill-għanijiet li għandhom jintlaħqu mir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013.

34 Fil-fatt, skont il-premessa 229 ta' dan ir-Regolament ta' Implementazzjoni, huwa kkunsidrat neċessarju, sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' evażjoni marbuta mad-differenza sinjifikattiva bejn ir-rati tad-dazju, li jittieħdu miżuri speċjali sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni tajba tad-dazji antidumping.

35 Tali applikazzjoni hija ggarantita meta d-dazji antidumping huma stabbiliti fir-rigward ta' elementi li l-eżattezza tagħhom setgħet tiġi vverifikata, għall-bżonn billi jsir riferiment għall-proċedura tal-Artikolu 78 tal-Kodiċi Doganali.

36 Konsegwentement, fir-rigward tal-fatt li r-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013 isegwi l-għan li jitnaqqsu riskji ta' evażjoni permezz ta' applikazzjoni tajba tad-dazji antidumping, għandu jitqies bħala li jawtorizza lill-importaturi kkonċernati li jippreżentaw fattura kummerċjali valida, ukoll sussegwentement għad-dikjarazzjoni doganali.

37 Fil-kawża prinċipali, mill-proċess imressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, waqt il-verifika tad-dikjarazzjoni doganali mill-awtoritajiet kompetenti, dawn ikkonstataw li l-prodotti importati kienu ġejjin minn waħda mill-kumpanniji elenkati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013, u għalhekk li l-importazzjoni ta' dawn il-prodotti kellha tiġi suġġetta għar-rata ta' dazju antidumping individwali applikabbli għall-importazzjonijiet li ġejjin minn dawn il-kumpanniji.

38 Konsegwentement, ma jidhirx li hemm riskju ta' evażjoni marbut mad-differenza sinjifikattiva bejn ir-rati tad-dazji, ħaġa li madankollu hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

39 Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li l-ewwel domanda tiġi risposta li l-Artikolu 1(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza li tiġi ppreżentata, sussegwentement għad-dikjarazzjoni doganali, fattura kummerċjali valida, għall-finijiet tal-iffissar ta' dazju antidumping definittiv, meta l-kundizzjonijiet preliminari l-oħra kollha

neċessarji għall-kisba ta' rata ta' dazju doganali antidumping speċifika għall-impriża huma ssodisfatti u meta l-osservanza tal-applikazzjoni tajba tad-dazji antidumping hija żgurata, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

Fuq it-tieni domanda

40 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq l-ispejjeż

41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013, tat-13 ta' Mejju 2013, li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza li tiġi ppreżentata, sussegwentement għad-dikjarazzjoni doganali, fattura kummerċjali valida, għall-finijiet tal-iffissar ta' dazju antidumping definittiv, meta l-kundizzjonijiet preliminari l-oħra kollha neċessarji għall-kisba ta' rata ta' dazju doganali antidumping speċifika għall-impriża huma ssodisfatti u meta l-osservanza tal-applikazzjoni tajba tad-dazji antidumping hija żgurata, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

Firem